2024/2145

27.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2145

tal-31 ta' Lulju 2024

li jistabbilixxi regoli għall-iskambju ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana skont ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7(2), 10(4) u 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana ("Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana"). Jipprovdi wkoll qafas għall-kooperazzjoni diġitali bejn l-awtoritajiet doganali u mhux doganali permezz ta' tliet komponenti ewlenin: Is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni li jimmaniġġjaw formalitajiet mhux doganali speċifiċi elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (CSW-CERTEX tal-UE).

(2) Is-CSW-CERTEX tal-UE tippermetti li tiġi skambjata l-informazzjoni bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni. Dan l-iskambju normalment jinbeda mill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana meta operatur ekonomiku jippreżenta dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni li jkun fiha n-numru ta' referenza tad-dokument ta' sostenn maħruġ mill-awtorità kompetenti sieħba rilevanti. Sabiex is-CSW-CERTEX tal-UE twettaq kontrolli u proċessi awtomatizzati, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ddettaljati biex jiġu integrati u allinjati aħjar il-proċeduri doganali u mhux doganali tal-Unjoni, li jippermettulhom joperaw mingħajr xkiel.

(3) Minħabba d-diversi deċiżjonijiet amministrattivi tal-awtoritajiet kompetenti sħab, indikati fid-dokumenti ta' sostenn, u l-proċeduri doganali differenti jew ir-riesportazzjoni li għalihom jistgħu jintużaw id-dokumenti ta' sostenn, huwa xieraq li tiġi inkluża tabella ta' regoli fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Dik it-tabella jenħtieġ li tintuża bħala għodda ta' mmappjar biex il-proċedura doganali rilevanti jew ir-riesportazzjoni jiġu allinjati mad-deċiżjoni amministrattiva rispettiva tal-awtorità kompetenti sieħba u viċi versa – proċess magħruf bħala t-trasformazzjoni kummerċjali tad-*data*. Jenħtieġ li dik it-tabella jkun fiha lista tal-proċeduri doganali , l-istatus u d-deċiżjonijiet amministrattivi possibbli kollha indikati fid-dokumenti ta' sostenn għal formalità mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399, bl-eċċezzjoni tas-Sistema tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq ("ICSMS"). Is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju tad-*data* meħtieġ mal-ICSMS f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2248 ([2]) għall-fini li tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq.

([1]) ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2248 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jispeċifika d-dettalji tal-interfaċċa elettronika bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq, u d-*data* li għandha tiġi trażmessa permezz ta' dik l-interfaċċa (ĠU L 453, 17.12.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2248/oj).

(4) Sabiex jiġi ssimplifikat it-trattament tad-*data* fil-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija, huwa essenzjali li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab ikollhom il-possibbiltà li jiskambjaw u jivverifikaw awtomatikament l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni wara s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni minn operatur ekonomiku. Għal dan l-għan, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tiżgura li d-*data* doganali u mhux doganali tkun kompatibbli billi tittrasforma l-format jew l-istruttura tagħha, meta meħtieġ, mingħajr ma jinbidel il-kontenut tagħha. Dan il-proċess huwa magħruf bħala t-trasformazzjoni teknika tad-*data*. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-immappjar bejn l-elementi tad-*data* inklużi fl-Anness B tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([3]) kif ukoll fl-Anness B tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]), u dawk imsemmija fl-Artiklu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2514 ([5]).

(5) Minħabba li s-CSW-CERTEX tal-UE mhux dejjem tista' timmappja direttament it-tifsiriet eżatti tad-*data* sottomessa f'formalità mhux doganali tal-Unjoni ma' dawk espressi fil-formalità doganali rispettiva, huwa xieraq li jinħolqu elementi speċifiċi tad-*data* mfassla biex isolvu tali diskrepanzi fl-immappjar. Jenħtieġ li dawk l-elementi speċifiċi tad-*data* ma jkunux inkorporati legalment fi ħdan kwalunkwe formalità doganali jew mhux doganali tal-Unjoni, peress li la l-operatur ekonomiku u lanqas l-awtorità doganali ma huma meħtieġa jittrażmettuhom. Minflok, huwa meħtieġ li dawk l-elementi tad-*data* jiġu inklużi f'dan ir-Regolament biex jiġu żgurati l-allinjament u l-konverżjoni bla xkiel tad-*data* bejn il-proċeduri doganali u r-riesportazzjoni, minn naħa waħda, u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, min-naħa l-oħra.

(6) L-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2022/2399 jistabbilixxi t-tipi differenti ta' skambju ta' informazzjoni u funzjonalitajiet li s-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti. Huwa xieraq li jiġu speċifikati aktar il-funzjonalitajiet li jippermettu dawk it-tipi ta' skambju ta' informazzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawk il-funzjonalitajiet jintużaw individwalment jew flimkien, kif meħtieġ, biex jippermettu t-twettiq kompletament awtomatizzat tal-formalitajiet doganali u mhux doganali u kwalunkwe trasferiment awtomatizzat ieħor ta' *data* bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab rilevanti meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.

(7) Waħda mill-aktar funzjonijiet kummerċjali importanti li s-CSW-CERTEX tal-UE tipprovdi lill-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali tal-Istati Membri hija l-iskambju awtomatizzat tal-informazzjoni meħtieġa mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tippermetti l-irkupru ta' dokumenti ta' sostenn mis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni, l-immappjar tad-*data* inkluża f'dawk id-dokumenti u t-trażmissjoni ta' dik id-*data* lill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana. Meta meħtieġ, dan il-proċess jenħtieġ li jiġi ripetut biex l-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jkun jista' jirċievi n-notifiki meta l-istatus ta' dokument ta' sostenn jinbidel skont parametri speċifiċi.

(8) Sabiex jittejbu l-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-operazzjonijiet doganali u mhux doganali madwar l-Unjoni, u biex jitnaqqsu r-riskji ta' frodi u ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti, jeħtieġ li tiġi stabbilita funzjonalità awtomatizzata fis-CSW-CERTEX tal-UE biex jiġi vverifikat li l-kwantitajiet iddikjarati fid-dikjarazzjonijiet doganali u fid-dikjarazzjonijiet ta' riesportazzjoni ma jaqbżux il-kwantitajiet awtorizzati indikati fid-dokumenti ta' sostenn. Jekk il-verifiki awtomatizzati jirnexxu, jenħtieġ li s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni jirriżervaw il-kwantitajiet iddikjarati u s-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tittrażmetti l-eżitu tal-kwantitajiet riżervati ta' merkanzija lill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana. Jekk il-verifiki awtomatiċi juru diskrepanzi, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tikkomunika r-raġunijiet għar-riżervi li ma rnexxewx għal dawk l-ambjenti. Meta r-riżerva tirnexxi u l-merkanzija

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2514 tat-3 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-elementi tad-*data* li għandhom jiġu skambjati permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-lista ta' formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mill-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana (ĠU L, 2024/2514, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2514/oj).

tiġi rrilaxxata jew riesportata, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tikseb informazzjoni dwar il-kwantitajiet rilaxxati jew riesportati mill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u tittrażmettiha lis-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni, li jimmarkaw il-kwantità riżervata bħala kkunsmata. Għall-kuntrarju, jekk il-merkanzija ma tiġix rrilaxxata, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE ssegwi l-istess passi, u jenħtieġ li s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni jirreġistraw dawk il-kwantitajiet la bħala riżervati u lanqas bħala kkunsmati.

(9) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-monitoraġġ effettiv tal-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija, huwa xieraq li jiġi previst li, wara emenda jew invalidazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali wara r-rilaxx tal-merkanzija, l-iskambju ta' *data* bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni dwar kwantitajiet aġġornati jew irtirati ta' merkanzija jenħtieġ li jsir permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet doganali jibqgħu adattabbli u reattivi għal ċirkostanzi mhux previsti, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet doganali, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u b'responsabbiltà sħiħa, li jegħlbu l-verifiki u l-funzjonijiet awtomatizzati mmexxija mis-CSW-CERTEX tal-UE. Dak l-intervent jenħtieġ li jippermetti lill-awtoritajiet doganali jagħtu struzzjonijiet lis-CSW-CERTEX tal-UE biex temenda, taċċetta jew tirrifjuta l-kwantitajiet speċifiċi ta' merkanzija indikati fid-dokument ta' sostenn. Imbagħad jenħtieġ li jkun possibbli għas-CSW-CERTEX tal-UE li tittrażmetti l-eżitu ta' dawk l-azzjonijiet lis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura li l-bidliet kollha jiġu ddokumentati u kkomunikati kif xieraq.

(11) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet doganali jipprovdu informazzjoni addizzjonali għat-twettiq ta' formalità mhux doganali tal-Unjoni kull meta ssir referenza għal dokument ta' sostenn f'dikjarazzjoni doganali. Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tiffaċilita l-irkupru ta' tali informazzjoni mill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u tagħmilha disponibbli għas-sistemi mhux doganali xierqa tal-Unjoni. Din il-funzjonalità jenħtieġ li tippermetti wkoll lill-awtoritajiet doganali jemendaw jew iħassru l-informazzjoni addizzjonali trażmessa lis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni.

(12) Sabiex jiġi żgurat fluss ta' informazzjoni bla xkiel fis-sistemi doganali u mhux doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jitolbu lista speċifika ta' dokumenti ta' sostenn mis-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni. Għalhekk, jixraq li tiġi prevista funzjonalità li tippermetti lill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jitlob u jirċievi, permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE, lista ta' dokumenti ta' sostenn, meta rilevanti, f'parametri speċifiċi, u li tali talbiet jiġu ripetuti taħt ċerti kundizzjonijiet.

(13) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti arranġamenti ta' kontinġenza għan-nuqqas ta' disponibbiltà possibbli tas-CSW-CERTEX tal-UE. Ir-Regolament (UE) 2022/2399 ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-formalitajiet doganali jew għal-leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali msemmija fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, kwalunkwe skambju ta' informazzjoni matul in-nuqqas ta' disponibbiltà tas-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli għall-formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

(14) F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2399, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, meta xieraq, regoli speċifiċi biex tiżgura l-protezzjoni tad-*data* personali matul l-iskambju ta' informazzjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet doganali, tal-awtoritajiet kompetenti sħab u tal-Kummissjoni bħala kontrolluri konġunti, skont l-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament, għall-ipproċessar tad-*data* personali fis-CSW-CERTEX tal-UE, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([7]) u (UE) 2018/1725 ([8]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, meta l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab jew il-Kummissjoni jaġixxu waħedhom fl-ipproċessar ta' aspetti speċifiċi tad-*data* personali, u għalhekk iġorru responsabbiltà indipendenti għal tali pproċessar, dawk l-entitajiet jenħtieġ li jiġu identifikati rispettivament bħala "kontrolluri" jew "kontrollur". Sabiex jinżammu allinjament u komunikazzjoni operazzjonali effettivi fost il-kontrolluri konġunti, jixraq li l-Kummissjoni u l-koordinaturi nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2022/2399, jaġġornaw l-informazzjoni ta' kuntatt u d-*data* rilevanti għal dawk il-kontrolluri.

(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab jenħtieġ li jaħdmu f'kollaborazzjoni biex jiddefinixxu r-rekwiżiti u l-funzjonalitajiet tad-disinn tekniku meħtieġa għall-interkonnessjoni tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE u s-sistemi mhux doganali speċifiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2022/2399. Matul dan il-proċess ta' kollaborazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu akkomodati r-rekwiżiti speċifiċi varji tal-awtoritajiet kompetenti sħab differenti. Barra minn hekk, fuq it-talba tal-Istati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li twettaq attivitajiet ta' pilotaġġ xierqa li jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-CSW-CERTEX tal-UE. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jagħmlu interkonnessjoni bejn l-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana u s-CSW-CERTEX tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dik l-interkonnessjoni disponibbli għall-Istati Membri sa mhux aktar tard minn sena qabel id-dati stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399.

(16) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli li jappoġġjaw ir-rekwiżiti operazzjonali u l-iskeda ta' żmien operazzjonali għall-interkonnessjoni tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-iżviluppi tal-IT meħtieġa mill-Istati Membri qabel l-interkonnessjoni tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tagħhom. Barra minn hekk, meta jitqies li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana huwa ambjent integrat, u s-CSW-CERTEX tal-UE topera fil-qalba tiegħu bejn is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi doganali nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li kull sistema interkonnessa mas-CSW-CERTEX tal-UE tiffunzjona kif maħsub u li l-interkonnessjoni tkun kompletament funzjonali.

(17) Peress li s-CSW-CERTEX tal-UE ilha topera mill-2017, u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi diġà huma disponibbli għall-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399, ir-regola dwar id-disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li tapplika biss għall-formalitajiet u għas-sistemi ġodda u mhux doganali tal-Unjoni u biss wara sentejn mid-dati indikati f'dak l-Anness.

(18) Is-setgħat fl-Artikolu 7(2), l-Artikolu 10(4), u l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2022/2399 huma marbuta strutturalment u sostantivament, peress li jippermettu rispettivament l-istabbiliment tar-responsabbiltajiet tal-kontrolluri konġunti għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' *data* personali fis-CSW-CERTEX tal-UE, tar-regoli għall-iskambju ta' informazzjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE, inkluż id-*data* personali, u ta' programm ta' ħidma biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni u l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana sad-dati speċifikati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399. Minħabba l-allinjament strutturali u sostantiv tagħhom, huwa xieraq għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni amministrattiva li dawk is-setgħat jiġu kkombinati f'att leġiżlattiv uniku, u b'hekk jiġu eliminati r-ripetizzjonijiet, jiġi ssimplifikat il-qafas legali u jiġi żgurat approċċ unifikat għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali fi ħdan is-CSW-CERTEX tal-UE.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(19) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju 2024.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

FUNZJONALITAJIET TEKNIĊI TAS-CSW-CERTEX TAL-UE

Artikolu 1

Identifikazzjoni tal-proċeduri fid-dominji doganali u mhux doganali

1. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha twettaq trasformazzjoni tan-negozju tad-*data* billi timmappja l-proċeduri doganali rilevanti u r-riesportazzjoni mad-deċiżjoni amministrattiva rispettiva jew l-istatus indikat fid-dokumenti ta' sostenn għal formalità mhux doganali tal-Unjoni, jew viċi versa, inkluż id-determinazzjoni tal-applikabbiltà tal-ġestjoni tal-kwantità, f'konformità mat-tabelli tar-regoli previsti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Għas-sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti l-iskambju ta' *data* għall-fini ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248.

Artikolu 2

Immappjar tad-*data* bejn is-sistemi doganali u mhux doganali tal-Unjoni

Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha timmappja l-elementi tad-*data* identifikati f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2024/2514 ma' dawk speċifikati fir-Regolament Nru (UE) 952/2013 u twettaq trasformazzjoni teknika ta' dawk l-elementi tad-*data* f'konformità mat-tabelli tal-immappjar tad-*data* previsti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Elementi tad-*data* bi proċeduri ta' mmappjar indirett

L-elementi tad-*data* fil-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni speċifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2514 li ma jistgħux jitqabblu direttament mal-elementi tad-*data* fil-formalitajiet doganali, għandhom jiġu mmappjati bl-użu ta' element tad-*data* speċifiku identifikat bħala "element tad-*data* tas-SWE-C tal-UE".

Artikolu 4

Użu tal-funzjonalitajiet tas-CSW-CERTEX tal-UE

Il-funzjonalitajiet tas-CSW-CERTEX tal-UE indikati f'dan il-Kapitolu għandhom joperaw individwalment jew flimkien għall-iskambju u l-ipproċessar tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2022/2399.

Artikolu 5

Funzjonalità tal-iċċekkjar tad-disponibbiltà

1. Meta jkun hemm referenza għal dokument ta' sostenn f'dikjarazzjoni doganali jew f'dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha:

(a) tivverifika li d-dokument ta' sostenn ikun disponibbli u tirkuprah mis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni tiegħu;

(b) tittrasforma d-*data* inkluża f'dak id-dokument ta' sostenn f'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 3;

(c) tittrażmetti d-*data*, flimkien mad-dokument ta' sostenn oriġinali meta mitlub, lill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni.

2. Jekk l-istatus ta' dokument ta' sostenn jinbidel b'mod li jaffettwa l-identifikazzjoni tal-proċeduri f'konformità mal-Artikolu 1, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha twettaq l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'mod awtomatizzat.

Artikolu 6

Ġestjoni awtomatika tal-kwantità

1. Meta jkun hemm referenza għal dokument ta' sostenn f'dikjarazzjoni doganali jew f'dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni, u dik id-dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali b'ġestjoni tal-kwantità applikata f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha:

(a) twettaq l-azzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 5(1), il-punt (a);

(b) tittrażmetti verifika mis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni lill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana li tikkonferma li l-kwantitajiet speċifiċi ta' merkanzija ddikjarati fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni ma jaqbżux dawk indikati fid-dokument ta' sostenn.

2. Jekk il-verifiki previsti fil-paragrafu 1 jirnexxu, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tikkomunika l-eżitu tar-riżerva tal-kwantità u l-kontenut tad-dokument ta' sostenn lill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana.

3. Meta l-merkanzija li għaliha tkun ġiet riżervata kwantità f'konformità mal-paragrafu 2 tiġi rilaxxata jew riesportata, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tikseb informazzjoni mill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika rispettiv għad-dwana dwar il-kwantità rilaxxata jew riesportata u tibgħat dik l-informazzjoni lis-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet għandhom jitqiesu kkunsmati.

4. Meta l-merkanzija li għaliha tkun ġiet riżervata kwantità f'konformità mal-paragrafu 2 ma tiġix rilaxxata, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tikseb informazzjoni mill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana rispettiv dwar il-kwantità mhux rilaxxata u tibgħat dik l-informazzjoni lis-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni, fejn dawk il-kwantitajiet ma għandhom jitqiesu la bħala riżervati u lanqas bħala kkunsmati.

5. Jekk il-verifiki previsti fil-paragrafu 1 ma jirnexxux, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha titrażmetti lill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana r-raġuni għar-riżerva li ma rnexxietx.

Artikolu 7

Emenda jew invalidazzjoni ta' wara r-rilaxx tad-dikjarazzjoni doganali

Meta dikjarazzjoni doganali tiġi emendata f'konformità mal-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew tiġi invalidata skont l-Artikolu 174 ta' dak ir-Regolament, u ssir referenza għal dokument ta' sostenn fid-dikjarazzjoni doganali f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tirċievi l-informazzjoni dwar l-emenda jew l-invalidazzjoni mill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana rispettivi u titrażmettiha lis-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni biex taġġorna jew tirtira l-kwantità ta' merkanzija kkunsmata. Il-feedback dwar il-kwantitajiet aġġornati jew irtirati għandu jiġi trażmess lura lill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana.

Artikolu 8

Ġestjoni manwali tal-kwantità

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet doganali jistgħu, taħt ir-responsabbiltà sħiħa tagħhom u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jagħtu struzzjonijiet lis-CSW-CERTEX tal-UE biex tevita l-verifiki awtomatizzati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, u biex temenda, taċċetta, jew tirrifjuta, kif xieraq, il-kwantitajiet speċifiċi ta' merkanzija deskritta fid-dokumenti ta' sostenn.

2. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha titrażmetti l-eżitu tal-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 lis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni.

Artikolu 9

Funzjonalità tad-dħul ta' rekord

1. Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali tirrikjedi li l-awtoritajiet doganali jipprovdu informazzjoni addizzjonali għat-twettiq ta' formalità mhux doganali tal-Unjoni, u jkun hemm referenza għal dokument ta' sostenn għal dik il-formalità mhux doganali tal-Unjoni f'dikjarazzjoni doganali, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tiffaċilita l-irkupru ta' dik l-informazzjoni addizzjonali mill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana rispettiv u tagħmilha disponibbli għas-sistema mhux doganali rilevanti tal-Unjoni.

2. Il-funzjonalità msemmija fil-paragrafu 1 tista' tintuża mill-awtoritajiet doganali biex jemendaw jew iħassru l-informazzjoni addizzjonali trażmessa lis-sistema mhux doganali tal-Unjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE.

Artikolu 10

Talba għal lista ta' dokumenti ta' sostenn

1. Meta ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jitlob lista speċifika ta' dokumenti ta' sostenn, jew *data* fihom, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tirkupra dawk id-dokumenti ta' sostenn jew id-*data* mis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni u tagħmilhom disponibbli għall-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana kif meħtieġ.

2. Meta ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jitlob perjodikament lista speċifika ta' dokumenti ta' sostenn, jew *data* fihom, dan għandu jispeċifika l-perjodu li għalih issir dik it-talba. F'dak il-każ, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tikseb dawk id-dokumenti ta' sostenn jew id-*data* mis-sistema mhux doganali tal-Unjoni u tagħmilhom disponibbli għall-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana kif u meta jkun meħtieġ.

Artikolu 11

Nuqqas ta' disponibbiltà tas-CSW-CERTEX tal-UE u l-arranġamenti ta' kontinġenza

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet kompetenti sħab immedjatament u mingħajr dewmien dwar dan li ġej:

(a) kwalunkwe nuqqas ta' disponibbiltà ppjanat tas-CSW-CERTEX tal-UE jew tal-funzjonalitajiet tagħha;

(b) kwalunkwe nuqqas ta' disponibbiltà tas-CSW-CERTEX tal-UE jew ta' waħda mill-funzjonalitajiet tagħha minħabba ħsara temporanja.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), l-iskambju ta' formalitajiet doganali u formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali.

KAPITOLU II

PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Artikolu 12

Ipproċessar ta' *data* personali fl-ambitu tal-kontroll konġunt

1. L-attivitajiet ta' pproċessar li ġejjin imwettqa mis-CSW-CERTEX tal-UE għandhom jaqgħu fl-ambitu tal-kontroll konġunt bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab skont it-tifsira tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/679:

(a) il-wasla ta' *data* personali minn ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni;

(b) it-trasformazzjoni kummerċjali u teknika ta' *data* personali f'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 3;

(c) it-trażmissjoni ta' *data* personali ttrasformata f'ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jew sistemi mhux doganali tal-Unjoni.

2. Meta jipproċessaw *data* personali, il-kontrolluri konġunti għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

Artikolu 13

Ipproċessar ta' *data* personali barra mill-ambitu tal-kontroll konġunt

1. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-attivitajiet li ġejjin:

(a) manutenzjoni tas-sistema u għoti ta' service urġenti;

(b) it-trasformazzjoni kummerċjali u teknika tad-*data* personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali, mingħajr preġudizzju għat-trasformazzjoni li sseħħ skont l-Artikolu 12(1), il-punt (b).

2. Kull awtorità doganali għandha titqies bħala l-kontrollur għall-ipproċessar ta' *data* personali meħtieġa biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-formalitajiet doganali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.

3. Kull awtorità kompetenti sieħba għandha titqies bħala l-kontrollur għall-ipproċessar tad-*data* personali meħtieġa biex jiġu mwettqa l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli għall-formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni.

Artikolu 14

Responsabbiltajiet speċifiċi tal-Kummissjoni, tal-awtoritajiet doganali u tal-awtoritajiet kompetenti sħab

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għal:

(a) l-iżgurar tal-privatezza mid-disinn u l-privatezza prestabbilita meta tiġi żviluppata s-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2022/2399;

(b) l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista tar-riċevituri kollha tad-*data* personali;

(c) l-iżgurar li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew li jkunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità;

(d) in-nomina ta' punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*;

(e) l-assistenza lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet kompetenti sħab fir-rispons għat-talbiet tas-suġġetti tad-*data*, meta meħtieġ.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom ikunu responsabbli għal:

(a) l-iżgurar tal-privatezza mid-disinn u l-privatezza prestabbilita fl-iżvilupp tal-interkonnessjoni bejn l-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tagħhom u s-CSW-CERTEX tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2022/2399;

(b) l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista tar-riċevituri kollha tad-*data* personali (fl-Istati Membri, fil-pajjiżi terzi u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali);

(c) l-iżgurar li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew ikunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità;

(d) il-kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja nazzjonali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom;

(e) in-nomina ta' punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*;

(f) it-tweġiba għat-talbiet tas-suġġetti tad-*data* meta dawk it-talbiet jiġu indirizzati lilhom u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti sħab u mal-Kummissjoni kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 16(5) ta' dan ir-Regolament.

3. Kull awtorità kompetenti sieħba għandha tkun responsabbli għal:

(a) l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista tar-riċevituri kollha tad-*data* personali (fl-Istati Membri, fil-pajjiżi terzi u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali);

(b) l-iżgurar li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew ikunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità;

(c) in-nomina ta' punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*;

(d) it-tweġiba għat-talbiet tas-suġġetti tad-*data* meta dawk it-talbiet jiġu indirizzati lilhom u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali u mal-Kummissjoni kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 16(5) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Sigurtà tal-ipproċessar

1. Il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet doganali u mal-awtoritajiet kompetenti sħab, timplimenta l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. L-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandhom jimplimentaw miżuri organizzattivi xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-ipproċessar.

3. Il-miżuri tekniċi u l-miżuri organizzattivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitfasslu biex:

(a) jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-kontinwità tad-*data* personali pproċessata, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti;

(b) jipproteġu kontra kull ipproċessar, telf, użu, divulgazzjoni jew aċċess mhux awtorizzat jew illegali ta' kwalunkwe *data* personali fil-pussess tagħhom;

(c) jirrestrinġu d-divulgazzjoni ta' *data* personali jew l-aċċess għaliha lir-riċevituri maħsuba f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali rilevanti għall-formalitajiet mhux doganali speċifiċi tal-Unjoni.

4. Il-kontrolluri konġunti għandhom jinnotifikaw lil xulxin u jipprovdu assistenza f'każ ta' inċidenti ta' sigurtà, inkluż ksur tad-*data* personali. Tali notifika għandha ssir mhux aktar tard minn 48 siegħa mill-mument li wieħed mill-kontrolluri konġunti jsir konxju tal-inċident ta' sigurtà.

5. Fil-każ ta' ksur tad-*data* personali, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

6. Il-kontrolluri konġunti għandhom fi kwalunkwe każ jinnotifikaw lil xulxin dwar dan li ġej:

(a) kwalunkwe riskju potenzjali jew reali għad-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tad-*data* personali pproċessata fis-CSW-CERTEX tal-UE;

(b) kwalunkwe inċident ta' sigurtà li huwa marbut mal-operazzjoni tal-ipproċessar.

Artikolu 16

Responsabbiltà tal-kontrolluri konġunti lejn is-suġġetti tad-*data*

1. F'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati kif xieraq dwar l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa fil-qafas ta' dan ir-Regolament u għandhom jagħżornaw id-dikjarazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* tas-sistemi tagħhom kif meħtieġ.

2. L-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni u komunikazzjoni lis-suġġetti tad-*data* dwar id-drittijiet tagħhom tiġi pprovduta b'mod trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab ikollhom l-informazzjoni meħtieġa biex sussegwentement jipprovdu tali informazzjoni u komunikazzjoni lis-suġġetti tad-*data*.

3. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandhom jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

4. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandhom jittrattaw it-talbiet mis-suġġetti tad-*data* u għandhom jikkooperaw mingħajr dewmien żejjed biex jittrattaw dawk it-talbiet u jipprovdu assistenza rapida u effiċjenti lil xulxin.

5. Meta kontrollur konġunt jirċievi talba mingħand suġġett tad-*data* li ma taqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu f'konformità mal-Artikolu 12, huwa għandu jibgħat dik it-talba lill-kontrollur konġunt responsabbli minnufih u mhux aktar minn tlitt ijiem kalendarji minn meta jirċievi t-talba. Il-Kummissjoni għandha tassisti fl-identifikazzjoni tal-kontrollur konġunt responsabbli.

6. Meta suġġett tad-*data* jitlob aċċess għal *data* personali u dik id-*data* personali tiġi pproċessata mis-CSW-CERTEX tal-UE, il-kontrollur konġunt li lilu tiġi indirizzata t-talba għandu jikkonsulta mal-kontrolluri konġunti l-oħra qabel ma jittratta t-talba.

7. Meta l-kontrollur konġunt jiddeċiedi li jirrestrinġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għal attivitajiet tal-ipproċessar barra mill-ambitu tal-kontroll konġunt u li jikkonċernaw id-*data* personali li tista' tiġi skambjata skont dan ir-Regolament, għandu jinforma lill-kontrolluri konġunti l-oħra mingħajr dewmien żejjed.

8. F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-kontrollur responsabbli għall-ksur tad-*data* personali għandu jinnotifika lis-suġġetti tad-*data* affettwati jekk il-ksur ta' *data* personali x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi. Il-kontrollur responsabbli għandu jinforma lill-kontrolluri l-oħra b'tali notifika.

Artikolu 17

Aċċess għal *data* personali mill-Kummissjoni, mill-awtoritajiet doganali u mill-awtoritajiet kompetenti sħab

Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi għall-aċċess għal *data* personali jew għad-determinazzjoni tar-riċevituri tagħha f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali jew mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali, l-aċċess għad-*data* personali pproċessata fis-CSW-CERTEX tal-UE għandu jkun mogħti biss lill-persunal awtorizzat tal-Kummissjoni, lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet kompetenti sħab għall-finijiet tal-ġestjoni u tat-tħaddim tas-CSW-CERTEX tal-UE.

Artikolu 18

Involviment tal-proċessuri tad-*data*

1. Kontrollur konġunt għandu jinnotifika lill-kontrolluri konġunti l-oħra qabel ma jinvolvi proċessur tad-*data* wieħed jew aktar biex iwettqu l-operazzjonijiet tal-ipproċessar f'ismu.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir mhux aktar tard minn 5 ijiem tax-xogħol qabel il-konklużjoni tal-ftehim dwar l-ipproċessar ma' proċessur.

Artikolu 19

Ir-rwol tal-koordinaturi nazzjonali fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*

1. Il-koordinaturi nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2022/2399 u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-kontrolluri konġunti flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra msemmija f'dan il-Kapitolu tinżamm aġġornata u tiġi kondiviża bejn il-kontrolluri konġunti.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kontrolluri konġunti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

KAPITOLU III

PROGRAMM TA' ĦIDMA

Artikolu 20

Disinn ta' funzjonalitajiet, speċifikazzjonijiet tekniċi, u attivitajiet ta' pilotaġġ

1. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab għandhom jikkollaboraw fit-tfassil tekniku tal-funzjonalitajiet tas-CSW-CERTEX tal-UE.

2. Sa mhux aktar tard minn sena qabel id-dati stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/2399, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interkonnessjoni tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE u s-sistemi mhux doganali speċifiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4) u (5) ta' dak ir-Regolament.

3. Fuq it-talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' twettaq attivitajiet ta' pilotaġġ li jikkontribwixxu għall-funzjonament u t-tfassil tal-funzjonalitajiet tas-CSW-CERTEX tal-UE fid-dawl tat-titjib u r-rieda tagħha li tagħmel interkonnessjoni ma' sistemi mhux doganali ġodda tal-Unjoni u li tiskambja d-*data* meħtieġa biex jiġu mwettqa formalitajiet mhux doganali ġodda tal-Unjoni.

Artikolu 21

Notifika minn qabel, qabel it-tnedija tal-interkonnessjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni tal-inqas xahar qabel dwar l-intenzjoni tagħhom li:

(a) jagħmlu interkonnessjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tagħhom u s-CSW-CERTEX tal-UE;

(b) jaġġornaw l-interkonnessjoni tal-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tagħhom mas-CSW-CERTEX tal-UE.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri, fosthom billi tiżgura li l-attivitajiet tekniċi u operazzjonali meħtieġa jitwettqu fuq is-CSW-CERTEX tal-UE jew is-sistemi mhux doganali rilevanti tal-Unjoni.

3. Wara l-interkonnessjoni b'suċċess, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-Istat Membru juża s-CSW-CERTEX tal-UE biex jiskambja l-informazzjoni mal-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 tqis iż-żmien meħtieġ biex l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jagħmlu interkonnessi b'suċċess mas-CSW-CERTEX tal-UE.

5. B'deroga mill-paragrafu 3, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lill-Istat Membru juża s-CSW-CERTEX tal-UE biex jiskambja l-informazzjoni mal-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tiegħu jekk l-interkonnessjoni tkun funzjonali, iżda mhux kompluta.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 20(2) għandu japplika mit-3 ta' Marzu 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TABELLI TAR-REGOLI

Informazzjoni ġenerali

It-tabelli tar-regoli li ġejjin jispeċifikaw il-proċeduri doganali, it-tipi ta' riesportazzjoni u ta' dikjarazzjoni li taħthom għandha tiġi vverifikata formalità mhux doganali tal-Unjoni, kif ukoll meta jenħtieġ li titwettaq il-ġestjoni tal-kwantità, meta applikabbli. Barra minn hekk, it-tabelli jindikaw id-deċiżjoni jew l-istatus amministrattiv aċċettabbli assoċjat ma' formalità mhux doganali tal-Unjoni għal proċeduri doganali speċifiċi, u tipi ta' riesportazzjoni u ta' dikjarazzjonijiet.

Il-kolonna "dwana" fit-tabella tindika l-proċeduri doganali u r-riesportazzjoni bl-użu tal-kodiċijiet li ġejjin b'**tipa grassa**:

01: Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija simultanjament ridispaċċati fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE ([1]) jew (UE) 2020/262 ([2]) u partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx, jew fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju fejn dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx.

02: Iċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija bil-ħsieb li jiġi applikat l-ipproċessar attiv.

07: Ir-rilaxx tal-merkanzija għal ċirkolazzjoni libera, simultanjament imqiegħda skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali fejn la l-VAT u lanqas, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

10: L-esportazzjoni permanenti.

11: L-esportazzjoni tal-prodotti pproċessati li jinkisbu minn merkanzija ekwivalenti skont l-ipproċessar attiv qabel ma l-merkanzija mhux tal-Unjoni titqiegħed taħt ipproċessar attiv.

21: L-esportazzjoni temporanja skont il-proċedura tal-ipproċessar passiv, jekk mhux kopert mill-kodiċi 22.

22: L-esportazzjoni temporanja għajr dik imsemmija fil-kodiċijiet 21 u 23.

23: L-esportazzjoni temporanja għal ritorn fl-istat mhux mibdul.

31: Ir-riesportazzjoni.

40: Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni libera u għal użu domestiku tal-merkanzija.

41: Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni libera u għall-użu domestiku ta' merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv (sistema ta' rtirar).

42: Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni libera u għal użu domestiku tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

